# GĦASIR IL-GĦENEB

It-Taljani għandhom qawl li jgħid: *Il vino è latte dei vecchi,* li tfisser: *L-inbid hu ħalib ix-xjuħ.* U dan hu minnu, għax bħal ma t-trabi u t-tfal żgħar jeħtieġu l-ħalib biex jitrabbew, hekk ix-xjuħ u l-egħġejjeż jeħtieġu l-inbid biex jibqgħu jterfru. Ix-xjuħ, mingħajr xi qatra nbid, ruħhom f'ġisimhom ma tibqax.

Billi ħafna rħieb tal-Art Imqaddsa jkunu xjuħ, għax imorru hemm mill-provinċja tagħhom meta jkunu laħqu daħlu fiż-żmien sewwa, dik in-naqra nbid irriduha, għax inkella ħin bla waqt jaqgħu borġ. Għal hekk il-Franġiskani jaħsbu biex għall-ħabta ta' nofs Settembru jew ftit wara, jixtru l-għeneb, li dak iż-żmien ikun fl-aqwa ta' sajranu u rħis (għax il-Palestina ma hemmx ftit krum, jiġifieri għelieqi tad-dwieli) u jagħsruh u jagħmluh inbid.

Ma jagħmlux inbid fid-Djura kollha, imma naf li jagħmlu għax rajthom b'għajnejja f'Għajn Karem u f'Ġerusalem. F'Betlehem, ma nafx. F'Nazaret ma jagħmlux inbit, imma l-inbid tagħhom jixtruh minn għand il-Lhud ta' Ħajfa, u jista' jkun li ġie li jibgħatuhulhom mid-Dejr il-Kbir ta' Ġerusalem.

* * *

Mela, għall-ħabta tal-ħmistax jew l-għoxrin ta' Settembru, sa xi l-ewwel ta' Ottubru, tarahom lill-Għarab Fellaħin (jiġifieri dawk li jaħdmu fir-raba) ġejjin lejn id-Dejr bl-iġmla mgħobbijin bil-għeneb. Kull ġemel ikollu żewġ qratal għeneb imdendla, qartalla kull naħa, marbutin fuq dahru. Ġemel wara ġemel, deħlin fil-bitħa tad-Dejr. Hemmekk iħottu l-ħemel, u jkun hemm ajk Franġiskan bil-miżien, biex jiżen il-għeneb fih. Il-miżien ikun għamla ta' *ġenuflessorju* kbir, tal-ħadid, bi stasija żgħira, bir-rummana mdendla fiha, fil-fuqani tiegħu. Iqegħedu l-qartalla bil-għeneb fiha fuq il-maqgħad tal-miżien, u r-rummana li tkun imdendla mal-istasija, turi kemm ikun fih toqol. Ikun hemm raħeb ieħor ukoll bil-ktieb f'idu jikteb isem il-Fellaħ li jkun ġieb l-għeneb u l-użieni jew qnatar li jkun ġieb, kull wieħed għalieħ. Żgħażagħ li jaħdmu fid-Dejr, imbagħad, iġorru l-għeneb għal ġewwa kamra mdaqqsa li tkun hemm fil-qrib.

Għax sewwa Għajn Karem kemm San Salvatur, Ġerusalem, qrib fejn jintiżen il-għeneb, hemm kamra mdaqqsa, l-art tagħha miksija bil-ħaġar tal-franka, u l-għeneb jingħasar hemm. Il-kamra magħmula bi tliet ħitan, u fejn kellu jkun ir-raba' ħajt, miftuħ għal kollox u jagħti għal ġewwa sala kbira taħt l-art, jew kantina, daqsiex. Għan-naħa tal-kantina hemm bħal ħanek tal-ħaġar u f'nofs dan il-ħanek, miżieb, li minnu jinżel il-meraq tal-għeneb huma u jagħsruh.

Ikun hemm xi sitta jew tmien żgħażagħ Għarab, hekk, ta' bejn is-sittax u l-għoxrin sena, li r-Rħieb iġegħluhom jaħslu saqajhom bis-sapun u s-sogħder u jisfuhom b'ħafna ilma nadif. Dawna mbagħad imorru jagħsru l-għeneb b'saqajhom kif ikun mixħut fl-art ġewwa l-kamra. Jerfgħu l-qumbas minn quddiem (il-qumbas huwa l-libsa tagħhom, li jkun donnu suttana ta' qassis, jinqafel fil-ġenb, b'buttuna waħda fil-għonq u jitħażżem f'qaddhom b'terħa jew ħżiem tal-ġild) u jehemżulu trufu taħt il-ħżiem. U mbagħad erħilhom iduru fuq il-għeneb, wara xulxin, jgħollu saqajhom, u jaqbżu u jiċċajtaw u jgħannu, donnhom qegħdin f'xi għors. Il-għeneb jitgħaffeġ; il-meraq tiegħu, jiġ-

ri u jġorr miegħu l-ħliefa tal-għeneb u jiżrob mill-miżieb. Mill-miżieb jinżel f'katusa li tieħdu ġewwa bettija kbira għall-aħħar, sa ma timtela bih. Kemm btieti jkun hemm għall-mili, minn dawn il-kbar, ma nafx.

Dax-xogħol idum sejjer, fil-għodu u fil-għaxija, għal kemm il-ġum, imma ftit qabel Għid San Franġisk (fl-4 ta' Ottubru), ikun waqaf. Nhar San Franġisk il-għeneb ikun magħsur kollu u l-bitħa tkun maħsula u nadifa millweraq tad-dwieli u l-frak tal-għeneb mill-ġdid.

* * *

Ġewwa l-btieti l-kbar li semmejt l-ewwel, wara ftit jiem, il-meraq talgħeneb jeħmer u jibda jagħli u jbaqbaq waħdu. Taf xi jġiegħlu jeħmer? Dik il-għabra l-bajda li jkun hemm fuq il-qoxra tal-għenba. Għax dak ma jkunx trab li jaqa' fuq il-għeneb minn barra, imma għabra rqiqa li toħroġ mill-għenba nfisha u tħemmru. U għalhekk min jiekol il-għeneb bil-qoxra b'kollox, wara ftit imsarnu jibdew igergru, għax dik il-għabra ġġiegħel jeħmer il-meraq tal-għeneb fiż-żaqq ukoll.

Wara li jdum ibaqbaq xi żmien, il-meraq tal-għeneb, jehda. Imbagħad iħalluh joqgħod u wara li jissaffa sewwa, jieħdu minn dawk il-btieti l-kbar u jimlew bih ħafna btieti żgħar. Aktar ma jkunu qodma dawn il-btieti żżgħar, aħjar, għax l-inbid aktar jitjieb fihom. Imma jekk il-għuda tagħhom tilħaq tiqras, bdiel inbid, jagħmlulek ħall. Dana kollu smajthom jgħiduh, għax jagħsru l-għeneb rajthom kemm-il darba, imma fil-kantina fejn isir l-inbid ma nżiltx aktar minn tlieta jew erba' darbiet.

Darba r-Rħieb ta' Ġerusalem, biex jagħsru l-inbid kienu ġiebu mutur. Kienu jaqilbu l-qartalla tal-għeneb ġo dulebb u l-mutur jagħsru u jmexxi 'l isfel il-meraq u l-qoxra u l-għeruq talgħenieqed itajjarhom 'l hemm. Imma għandu jkun li l-inbid magħsur bilmutur ma ħareġx kif kellu joħroġ, bħal meta jingħasar b'saqajn il-bniedem (ara x'ħaġa!), u jekk m'iniex ngħarra, il-mutur ma baqgħux jaħdmu bih.

Iz-zkuk tal-għenieqed u l-qxur talgħeneb li jibqa' f'qiegħ il-btieti, taħsbux li jarmuhom. Dawk jitfgħuhom fil-lampik u jieħdu minnhom ilma jaħraq, igħidulu *għaraq,* li jagħmluh xorb. Il-għaraq ma jkollux togħma tajba mill-ewwel, imma mbagħad iħalltu miegħu ħaġa donnha frak tassogħder u jiġi togħma ta' mastka. Ir-Rħieb jerfgħuh fi fliexken u nhar ta' Ħadd u għejjeda jieħdu qatra minnu f'tazza żgħira wara l-ikel, meta jmorru jitħaddtu ftit f'sala kbira li għandhom, igħidulha *divan.*

Din hi l-istorja ta' għasir il-għeneb fil-Palestina. Hemm xi ħaġa oħra x'wieħed igħid, imma jien ħallejtha barra biex ma ntawwalx wisq.

FRA MOSE' O.F.M.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Ja mrabbi għajr waldak! Ja bani f'għajr ardak! Tfisser: *Miskin int li rabbejt ulied ħadd ieħor, u li bnejt fuq l-art tan-nies!* Għax meta trabbi lil xi ħadd li ma jkunx ibnek, meta jidhirlu, jitlaq u jħallik u kull ma għamilt jisfalek fix-xejn. Hekk ukoll jiġrilu min jibni fuq l-art ta' ħadd ieħor, għax jiġi sidha u jgħidlu: "Itlaqilna 'l barra." U n-nefqa li jkun għamel tmur mar-riħ. Ma għandniex xi ngħidu, dal-qawl u ta' qablu ma jgħoddux wisq għal Malta, imma għall artijiet tax Xerq.